100

# S T A G E 11

(la classe delgli Asini)

ta' E. Ferravilla

F'arsa f'Att wiehed.

Maqluba ghal-Malti

minn

Gusi Fenech S.D.B.

******** ************

## Nies tal-Farsa

Is-Surmast. ~~Toni Gatt~~ ~~Pisani~~ Gusi ~~Pisani~~

Id-Direttur. ~~Paul Callejja~~ Toni Gatt

Mr. Xriha Ezaminatur. Paul Callejja

Il-Bidillu. Alfred Borg.

Patist Kukazza. John Chetcuti

Kalac Zotiku. John Scembri

Gamri Buhagar. ~~Leo Philip~~. ~~Pisani~~ ~~Philip Pace~~ Pisani

Kola Xriha. ~~Mario Abela~~. ~~Pace Philip~~ ~~Pisani~~ Philip ~~Zambri~~ Pace

Tfal ohra li ma jitkellmux.

Mario Abela ********** **********

Lnc.

Callejja Fred.

Eddie Bonello

Norman Zammit

John Zammit

Hector Piccinino

Martin Griffith

Puglisi etc.

Parnis

L.

Ix-xena turi klassi ta' l-iskola, skrivanija fuq ix-xellug. Fuq il-lemin bankijiet ghal-iskulari. Xi siggijiet li wiehed minnhom ikun imkisser, u blackoard bil-gibs u duster.

## Xena 1.

Bid: (jirranga il-klassi) X'hajja din kemm hi tac-cajt! toqod bhal kelb tghamila ta'seftur waqt li jien twelidt biex inkun xi ras kbira. Il Bidillu! Jien Bidillu? Jien, li kieku missie ri w ommi bghatuni l-iskola, min jaf il-lum fejn kont nilhaq! Noqghod hawn nobdi lil dak l-imbecilli ta-surmast li ma jghamilx ghajb lil-iskulari li ghandu. (Waqt li jnaddaf l-iskrivanija) Ara, ara, daqxejn dal l-ibecilli Mhux ta b'xejn jghajjat li jihrulu il grieden; ihalli fil-kxaxen il-qxur tal gobon u l-glut taz-zalzett!.... Malli narah ma wicci intemmahomlu w. Hallihom jiddevertu il grieden w il wirdein, hallihom. Anke jien naf li hawn il-grieden.

## Xena 11.

Surm: Good morning. (jinza il-glekk u jilbes spolverina)

Bid: Bogu Sinjur.

Surm: X'hin hu ?

Bid: Id-disa dalwaqt. (pawsa) Hekk hu, veru, .. xtaqt nghidlek biex ma tohodiex bi kbira meta tara il-grieden jippassigaw fuq l-iskrivanija w il-wirdien ma saqajn il-mejda. Jekk int thalli il-qxur tal-gobon u dawk il glut taz-zalzett.

Surm: U dan fejn ?

Bid: Hemm fil-kxaxen li ghandek; ara int stess b'ghanjejk.

Surm: Ja mgharqin li huma! Qed tara x'cajt ikrah jghamlulek.

Bid: Tort tieghek! Ghax ma ssakkarx il-kxaxen, u hekk ma jkollok ebda hsieb.

Surm: Ja hafna kukkudrilli! Huwa nqedhom issa, nurihom min jien.

Bid: Tiehux ghalik, jekk nghidlek li ma tafx izzom id-dixxiplina u li ma tafx igghalhom jirrispettawk, ahjar issib xoghol iehor; ghax isma jien Bidillu u mhux kennies taf. Nghamila ta' Bidillu ghax ghandi ir-ragunijiet tieghi; u dawn hadt mHu sejjer ikun jafhom. U hazin jahbat min jonqosni mir-rispett. U jekk qedthom int dawk il-glut taz-zalzett, biex tghaddini biz-zmien, u biex tavvelini.........

Surm: Mela qed tiggennenn ?

Bid: Iva biex tavvelini! iva... (jgholli lehnu) allura il-Bidillu jsir Sansun, u in-nghaga issir iljun. Int toqod hemm f'postok, u jien f'posti, u jien hmar, injurjant bahnan.......

Surm: Imma x'inhu jtik ?

Bid: Int biss L'gharef, Sur professur! Sahha hej surmast

Surm: Kollu ghal xejn ! kuljum b'xi wahda gdida. Ghidtu jien u nibqa nghidu li ghalieh m'hemx post iehor hlief il-manikomju.

Xena 111.

Id-direttur u s-surmast.

Dir: (Jidhol u joqod bil-qeda muguh mir-rumattismu) Bonju Ajma!..

Surm: Kif thossok, Sur Direttur ?

Dir: Hekk u hekk. Dan l-ugieh tar-rumattismu ma jridx jhallini bi kwieti. Bilhaqq x-inqalalu il-Bidillu iltqajt mieghu u beda jghajjat kemm jiflah ?

Surm: M'hux xi bicca genn minn tas-soltu.

Dir: Misking! wara il-marda li kellu tat-tifu, baqa jbati b'mohhu. U meta ikun rih isfel ma izommu b'xejn bl-ajjat.

Surm: Affari serja hafna.

Dir: B'dankollu taunt hu ragel dhuliw onest! Insomma hallina min dan. Inthom diga lesti hux ghal-ezami,?

Surm: Daz-zgur ilna diga gimgha.

Dir: Ghax il-bierah, ara, ircevejt ittRAmin ghand l-ezaminatur Mr. Xriha, fejn qal li ghandu jasal dalghodu. U jien hsibt li nibdew min dil-klassi nghid jein klassi specjali;

Surm: Daz-zgur! Ghalija cert li did-darba l'ezami jmur tajjeb, sintendi wiehed irid jikkusidra l'istat taghhom, kif ghidt int, tal-injoranza naturali li ghndho, ara ghawn humu gejjin.......

Xena 1V.

Jidhlu l-iskulari kollha barra Patist.

Kollha: (Wiehed wara l'iehor) Good morning Sir, Sahha sur Direttur... (u jmorru f'posthom bil-qedgha)

Dir: Good morning boys. Illum tfal huwa jum kbir ghlikom. F'takru li dal-waqt jigi l-ezaminatur u qisu li tghamlu unur waqt l- ezami. F'takru wkoll li barra milli tghaddu hemm wkoll premijiet sbieh hafna.

Kollha: Viva is-sur Direttur!

Xena V.

Il-Bidillu.

Bid: Silenzju ja qabda xadini! (wahdu ) Se nergghu bl-ajjat (jitlaq)

Dir: Mela lesti, kuragg. Jiena sejjer fil kamra tieghi tfal. Jekk ikollkom bzonn ta' xi haga li jkollha x'taqsam ma l-ezami, sejhuli. Ftehmna tfal ? Mela Good morning boys!

Kollha: Good morning Sur Direttur. (Jitlaq, pawsa zghira)

Surm: U issa nixtieq naf min kien dak il-wicc vili, pastas, maledukat bla ebda rispett ta xejn ha tant liberta` li jpoggi fil-kxaxen tal-iskrivankja tieghi qxur tal-gobon u glut taz-zalzet. Min ghamel dan il-pastazata ma jghddix ghal-klassi l'ohra; u hekk jirrepeti ghar-ra‿ba darba Stage Two. (Silenzju). Insomma nista nkun jaf min hu ?

Kalanc: Jien m'inhix.

Gamr: Jien L'anqas.

Kola: Jien ma nafx imma Kalac jaf min.

Surm: Nista naf min, iva jew lw ? Jew triduni nirraportawkom Lis-Sur Direttur ?

Kollha: Patist qedomlhok.

Surm: Patist ? tajjeb ferm. (Jikteb)

Xena VI.

Patist u ta' qabel.

Pati: (jghajjat) Goodm Morning Sir (u jmur f'postu, shabu jfemuh li jinsab fit-trouble)

Surm: Habat tajjeb ...lilek kont qed nistenna...ohrog ftit haw n sur Patist.

Pat: (Ma jiccaqlaqx)

Surm: Lilek ghidt, Patist, ohrog min postok, u oqod hemm, fir-rokna . Min hu pastas mghandux joqod man-nies edukati.

Patist: (johrog min postu u joqod bil qeda fuq siggu hdejn il-Bieb)

Surm: Qum min hemm ; min qalle k toqod bil-qedgha ? U hekk darb'ohra targa tiehu dil-kunfidenza u ticcajta hekk, bl-ikrah, tigi minnufieh imkecci l-barra.

Pat: Tajjeb, mela kecci lill Kalanc ukoll, ghax hu tghani il-biccijiet tal-glut biex inqghedko,lok fil-kaxxun. Qalli: "Poggi il-bicciet tal-glut [redacted] taz-zalzett fil kaxxun tas-Sir, biex meta jigi il-grieden inkunu nistaw naqbduhom", Tajjeb eh l-ewwel igghaluni inqedlek il qxur tal gobon imbghad imur jghamilha ta spjun.

Kal: Mhux veru.

Pat: Kif mhux veru ?

Kal: Int giddieb ta' mniehrek twil!...

Pat: Ahjar ikollok mnie‿hrek twil milli tisraq hweġjeg haddieh‿or.

Surm: Kif, kif tisraq ! Min seraq ?

Pat: Hu, Kalanc, jumejn ilu seraqli l-kappel min rasi, w il bierah hadli il-froga li tawni iz-ziju GIlormu w ziju Mikiel, ghax kien il-birthaday tieghi; u dan waqt li-kont fuq il-blackoard nghamel is-sommom kiluha u Pawlu Grixti. (ihassar)

Pat: Grazzi Sir. (jersaq hdejh)

Surm: Xi trid min hawn ?

Pat: Xejn xejn, qed nara hassartx tassew ? (jmur f'postu u jibda jilletika ma shabu)

Surm: ~~Xi trid min haw~~ X'gara ? X'inhu dan l-istorbju ? Tridu nibghtkom ilkoll il-barra ?

Pat: Sikkiet lil dax-xadin li ghadu jajjarni ta'mniehri twil.

Surm: X'adin hu, xi mnieher hu. Ma tax li xxadini ghandhom imnieherhom zghir ? (It tfal jie hqu) Ghax ma tahsbux li ftit minuti ohra jasal l-ezaminatur, F'tokru li diga ilkom tlet snin fi Stage Two, u li jekk ma jgħodkom twegbux tajjeb ghal-mistoqsisjiet li jghamdilkom, bi hmir, u jien maghiom ?

Kollha: Tajjeb wisq, kollox sewwa!

Surm: Kif kollox sewwa ?....Attenzjoni mela; ifthu ftit dawk l-imhuh mghluqa li ghndkom; gisu li fil-kotba ma jkollkomx tbajja taz-zejt u tal-linka, ghax tassew imiskhom tisthu. U isss sejjer inhallikon tistriehu ftit sakemm jasal Mr. Xriha; sa dat-tant ghaddu tajjeb dak kollu li rajn ma tul is-sena. Ftehmna ?

Kollha: Yes Sir. (Surmast johrog)

Pat: (lill Kola) Ja wicca ta moghoza.

Kola: Mela tassew li trid nifqalek ghanejk.

Pat: Imxi ohrog ghan-nofs. (Jaqbsu fuq il-bankijiet)

Kola: Ghid min seraqlek il-froga u kielilek ?

Pat: Min seraqli il froga ? int, int ja halliel. (Jgha:u jaqbdu f'xulxin l'ohrajn jigru warajhom).

Xena Vll.

Bidillu w ta' qabel.

Bid: (Daqqa ta'sieq lil w ehed, daqqa go ras lil l'iehor, bil pnn u bis-sieq lill ohrajn). Fejn mur dak il bicca nies ?

Gam: Ghand id-direttur.

Bid: Ja stupidu w imbecilli !

Xena Vlll.

Surmast, Direttur, Mr. Xriha u ta' qabel.

Dir: (lil-iskulari li malli jarawh kullhadd jigri ghal psotu) X'kienu daw k il-hsejjes kollha ? Deherli li ma kienx hawn kwiet hafna.

Surm: Wara lir-rikamdmandajtkom tant biex thejju ruhhkom ghal ezami!

Mr.X: Nittamaw li malajr inlestu, ghax ghandi hafna x'naghemel dal-ghodu. Bil qeda u oqodu attenti ghal mistoqsijiet li nghamililkom. U jiena nista noqod bil-qeda wholl ghax imbati wisq bil-kallijiet u xejn m'hu pjacir toqghod bil wieqfa.

Surm: (Lil Bidillu) Gib is-siggiejiet.

Bid: Hekku is-siggijiet (Wiehed ghad-Direttur u l-iehor ghas-zurmast)

Mr.X: Patruni tnejn biss ghawn jekk jogbok!

Mr. X: Dan x'pastas hu.

Dir: Le, le anzi bniedem sewwa hafna!

Surm: Daqxejn hux hekk... mahniex....

Bid: (Imur iggib is-siggu l-imkisser) Ha haw n is-siggu l-iehor.

Mr.X: Grazzi ferm. Isma Bidillu, ippermettili kelma. (Jiehdu fil genb)

Isma, qis li iggib aktar rispett, f'takar li jiem ma nippermetti ebda cajta f'himt. Dan ghidtulek ghal gid tieghek. (Jitlaq)

Bid: (Issejahlu) Eh skuzi Mr.jekk ikkolok bzonni, issibni dejjem ghad-dispozzizjoni tieghek.

Mr. X: (Wahdu b'ton gholi) Hekk jonqos wkoll (joqod bil qedghha wis-siggu jitfarrak bih u jmur fl-art) (L-iskulari jidhqu jghajtu kemm ghanhom sahha)

Dir: Ghalfejn dad-dahq kollu, ja psatas l-intom. Imiskom tisthu, titqu bl-ezamina tur.

Surm: Silenzju! (Sa dan it-tant ikunu tawh siggu iehor lil Mr. Xriha)

Dir: Attenti hawn, u qisu li twiegbu tajjeb ghal-mistoqsijiet tas-sinjur )Lill Mr. Xriha) F'idejk Mr. Xriha. (Johrog)

Mr. X: (Ftit u xejn inkurlat) Mela tfal, illum hemm bzonn li wiehed jiddiciedi... (Lis-surmast) Eh.. Surmast iffavorini jekk jogbok il-lista ta' l-iskulari ? (wahdu) Iff, x'riha ta gobon imhassar hierga mil-kexxun.

Surm: (Igiba mil kaxxun tal-mejda) Hawn hi, Mr. Xriha.

Mr. X: Grazzi (Jaqra) Buhagjar Gamri (Min hu jghid present) Grixtu Pawlu, Xriha Kola.

Surm: (Iwaqfu) Jaqaw dan Xriha jigi minnek ?

Mr. X: (Ma jwegbux)

Surm: Staqsejtek jekk dan Xriha Kola jigix minnek.

Mr. X; U jidhirlek int, Surmast, li ghandhi min jigi minni fi Stage Two? (Ikompli). Zotiku Klaanc Gageg Spiru (Hadt ma jwiegeb) Mhux hawn dan Gaggeg.

Bid: Miet.

Surm: M'hux tassew marid biss.

Bid; U iva, s'issa m'hux mejje t imma gismu spicca.

Mr X; Il-mniefah xi bniede m dan kemm joqtolom malajr in-nies!... (ikompli) Kukazza Patist. U iss attenti hawn. Is-sur Direttur taghom ghadu kemm qalli li din hi it-tielet sena li qedghin tirrepetu l-istess klassi ghalekk nittamaw li din tkun l-ahhar wahda u li issa twegbu tajjeb ghall-mistoqsijiet li sejjer nghamlilkom. Mela nibdew min..Zotiku Kalanc! (Kalanceiqum u ghid Present) Min bniha il-belt Valetta, il-lum il belt kapitali ta Malta ?

Kala: Il-Belt Valetta giet mibnija mil-Gran Mastru La Valette.

Mr.X: X'taf tghidli fuq il-Gran Mastru La Vallette ?

Kala: Il-Gran Mastru La Vallette kien kavalier li iggieled fliemkien ma shieby Toni Bajjada kontra it-torok, tagho m xeba kull wiehed f'Sant Anglu, fu fl-ahhar sab il Dragut u sparalu go rau u ghallekk it-Torok harbu min Malta.

Mr. X: Bil qeghda...Kukazza Patist.

Pat: Present Sir Thank you.

Mr.X: Ejja l'hawn.

Pat: Jien?... min jien jien Sir ?

Mr.X: Iva, int, ersaq l'hawn barra mil-bank. Issa ghidli daqxejn, min gie Malta wara l-kavalieri ?...

Pat: Wara l-Kavalieri Sir ? Min jaf min hux wara l-kavalieri?

Mr. X: Issa ejja mmorru. (Patist ikun sejjer f'postu) U issa fejn sejjer ?

Pat: M'hux inti ghidtli mmoru?

Mr.X: U le, ibqa fejn int, u ahseb daqxejn fuq il-mistoqsija li ghamiltlek. M'hix tqila kullhadd jafa.

Pat: M'hux kullhadd Sir, ghax jiena ma nafiex (xi hadd jghidlu) Ah iva Sir, naf min, Lord ~~[illegible]~~. Hut.

Mr.X: Ahjar tahseb sewa qabel ma titkellem.

Pat: (Xi hadd iehor jerga jissiggierilu) Il-Konti Ruggieru.

Mr.X: Halli nara hemm xi hadd li jaf min .

Kola: Napuljun Buonaparti.

Pat: U lili ghidli biex nghid il-Konti Ruggieru.

Mr. X: Bil-Qedgha.

Pat: (Isellem u jkun sejjer f'postu)

Mr.X: M'hux lilek ghidt. Halli naraw almenu tafx tirrispondi ghall xi domanda ohra.. Inkella ma' nafx! Liema huma id-dmirijiet tal bniedem u tieghek?

Pat: ~~Pat~~ Wiehed biss Sir.

Mr. X: U liema hu ?

Pat: ~~Il~~-homework.

Mr.X: Ma tafx li kull bniedem ghandu certi dmirijiet lejn is-shabu u lejn l-inferjuri. M'hux hekk ?

Pat: Yes Sir.

Mr.X: U liema huma ?

Pat: Tlieta: Tiekol, tixrob u torqod.

Mr.X: (Jidhaq) L-ahhar wahda, Kukazza, semmili Gran Mastru iehor barra La Valette.

Pat: Napuljun Bonaparti.

Mr.X: U din hi t-tielet sena li qed tirepeti Stage Two ? Taf xejn Aretmetika ?

Pat: Uhhhhh!!!

Mr.X: 35 divided by 5 kemm jghamlu ?

Pat: 16 Sir.

Mr.X: Ahseb qabel titkellem, diga ghidtlek, aram mur fuq il blackboard u ahdima.

Pat: (Fuq il blackboard jahdem is-somma)

```
5)35(16    5 fit 3 ma jidholx, 5 fil 15 jidhol 1, 1*5=5,
  5        35-5=30
  30       5 fit 30 jidhol 6, 6*5=30, 30-30 = 0
  30
  ==
```

Mr.X: Issa urini li 16+16+16+16+16+~~16+~~/jghamlu 35.

Pat: Mela le (Jikteb)

```
16+   (jghod) 6+6+6+6+6+~~6+~~ 30
16            30+1+1+1+~~1+~~ = 35.
16                        +1
16            Sewwa Sir..?
16
~~16~~
35
```

Mr.X: X'jidhirlek eh! (F'postok)

Pat: (isellem u jitlaq)

Mr.X: (jaqra) Gamri Buhajar!

Gam: Present Sir thank you! (Johrog)

Mr.X: Isma u oqod attent ghal din il mistoqsija. Nghatu kaz li int ikkolok ghaxar tamliet u jien nitolbok tlieta minnhom kemm jivdallek ?

Gam: Ghaxra Sir.

Mr.X: Kif ghaxra, jekk min ghaxra nitlbok tlieta kif jibqalek ghaxra.

Gam: Iva, Sir, ghax jekk titlobni mantikx. Nista mmur Sir?

MrX: Le, le halli naraw fix-int fil General Knowledge. Taf tgnidli x'inhi l-metamorfosi ?

Gam: Il-metamorfosi Sir ? Min jaf fejn tigi!... L-Imqabba.

Surm: Ara ifimnu sewwa, il-metamorfosi hija din. Per sempju ghati kaz li int tmut.

Gam: Jien immut, forsi tmut qabli int!

Surm: U le da n esempju biss; ara, mela meta tmut, gismek jidfnuh u dan jithallat mal-hamrija, u min din it-tahlita, tohrog fjura. Imbghad nghaddi jien u nghid: Ara jahasra fejn mar-spcia l-iskular teighi!" F'himt issa x'inhi l-metamorfosi ?

Gam: Iva Sir, f'himt kollox: Isma; Naghtu kas li int tmut, Sewwa Sir, imbghad jidfnuk u gimek issir haga wahda mat-trab u mal-hmarija. Wara xi ftit taz-zmien min dak il gisem li-issa sar kollu hamrija tibed gidra (enfasi) Imbghad nghaddu jien u nghid:"Ara jahasra is-surmast ghaziz tieghi, baqa dejjem li kein". Sewwa Sir?

Mr.X::Sewwa sabih, tifhem kollox bil maqlub, f'postok (Gamri jitlaq)

Surm: Jekk trid Mr. Xriha tista tibda il compostions li tajthom ghal-Homework.

Mr. X: Trid xi saghtejn biex tehlishom koolha. Insomma pacenzja, nisimghu.

L-iskulari: (Kollha jorhorgu il-Com positions taghhom u jaqraw f'daqqa)

Mr.X: Le, le, wiehed, wiehed. Nisimghu ta' (Ihares fuq il-karta) ta Kola Xriha.

Kola: Present Sir Thank you. (Iqum u jaqra). Komponiment tal Malti. (Missier hemm wiehed biss,- Xi jumejn ilu kont id-dar kein hemm ukol, Ommi, Missieri, il-klieb, il-qattus, huti u, zewg ghasafar, ragel u mara. Missieri kellu bzonn johro ghax ried jixrti in-nuhhala ghal-fniek w is-smida ghal-qsieqes, ommi kienet diga harget, fejn marret ma nafx. Huti iz-zghar kienu ghadhom reqdin, u j ien ghalekk sfajt wahdi, u mort nghalef l-ghasafar, u waqt li kont qed ingibilhom l-ilma insejt il-bieba miftuha w wiehed mill-ghasafar li ghandu jkun xeba maqful fil gagga, fettilu jahrab u harab. U meta gie missieri qalli, Kol.. mur gib l-ghasafar. Uien ghidtlu Missier hemm wiehd bis". Lest tajjeb Sir ?

Mr.X; X'jidhirlek . Sur direttur w int Surmast ? Int Guvnott kemm ghandek snin ?

Kola: Ghoxrin mghaluqa Sir, dalwaqt nghalq tlieta w ghoxrin.

Mr.X: Nittma li meta tgnalaq is-sittin tkun tghallimt xi haga.

Surm: Mr. Xriha jekk jidhirlek li toghod bhala haga fl-ezami jien f'dil klassi dahhalt sistem gdidda tal-komponimenti djalogati, biex indarrihom jitkelmu korretament u bla zbalji. Ghalekk jekk trid ittihom suggett ghal djalogu.

Mr.X: Tghogbni hafna l-idea tieghek, Surmast nisimghu mela lil.. Kukazza u lil Zotiku. Is-sugett tad-djalogu taghokm huwa dan. Zewg zghazagh hekk daqskom jirrakontaw lil-xulxin kif ghaddew il-vaganzi mal genituri taghom.

(Patist u Kalanc jorhorgu min postom u joqodu quddiem Il-mejda)

Kal: Kif int Patist tajjeb ?

Pat: (jghamel sinjal b'rasi ta iva)

Kal: Iddevertejt xejn ?

Pat: (Bhal qabel)

Kal: Fejn kont tmur ?

Pat: Nippassigga m'ommi u missieri.

Kal: Fejn ?

Pat: Naqbd il-friefet.

Kal: Imma fejn kienu johduk ommok u missierek ?

Pat: Fl-eghlieqi, fir-raba u fil-gonna.

Kal: X'kont tghamel ?

Pat: Kont imur m'ommu u ma missieri.

Kal: Imma x'kont taghemL ?

Pat: Jien ma nafx.

Kala: Kif ma tafx ? Mela kont dejjem rieqed.

Pat: (Pawsa zghira. xott) Ejja oqod, sahha. (Imur f'postu)

Mr.X: Mhux hazin sa barra. Izda ghadom lura hafna.

Surm: W issa baqa id-drill, ghallekk tfal bla storbju ta xejn
ohorgu min postkom u oqoghodu wiehed hdejn xulxin,
attenti dejjm ghallò jghidlikom Mr. Xriha. F'themna ?

Kollha: (Jghajtu) Yes Sir! (Is-surmast johrog mad-Direttur)

Mr. X: (Iqum u jmur hdejhom) Class attention ..(It-tfal
jghamlu hekk pero jirfsu wiehed lil l-iehor, u Patist
li jku f'ras il-fila jirfes lil Mr. Xriha) Ajma saqajja
il-ka llijiet Attention. (Joqoghdu hazin) U le mhux
hekk riglejkom ma xulxin sidirkom l-barra. Right
turn. (Min idur fuq il-lemin, mun fuq ix-xellug u min
lura..) Quick March. (kolla jimxu fejn gi gi. barra
jibqa Patist.

Bid: (Jidhol) U int xadin ser tibqa hemm isa l-barra.
(Jaqbdu min widnejh u karkru il-gewwa)

Pat: Ajma, ajma, ajma! Infistli l-kollu (It-tfal l-oħra
kollha jidħqu, min iwaddab ktieb, min isaffar
xi suffara.... insomma jagħmlu storbju
strieħ.... Il Bidilla jaqbad l-ixkupa
jibda jwaħħal lill kulħadd u fl-akbar
konfużjoni tingħalaq il-purtiera.

Tmiem